**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv.Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-4 ta' Dicembru 2019**

**Rikors numru:- 20/2019 (BS)**

**NN**

**-vs-**

**GG**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' NN fejn eċċepixxa:

1. Illi huwa żżewweġ lill-intimata GG fil-ħmistax (15) ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) Dokument A.
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal u ċioe' GG li twieldet fit-tletin (30) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) u Emma li twieldet fit-tlettax (13) ta' Ġunju tal-elf, disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), u li allura llum t-tnejn maġġorenni.
3. Illi dan iż-żwieġ ma rnexxiex u l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo tat-tnax (12) ta' Awwissu tal-elfejn u dsatax (2019), hawn anness bħala Dokument B.
4. Illi l-partijiet ilhom mis-sena elfejn u sitta (2006) li ssparaw *de facto* u għalhekk aktar minn erba' snin u li minn dakinhar sal-lum il-partijiet qatt ma reġgħu rrikonċiljaw u dejjem għexu separatament.

5. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet u fil-fatt fil-kuntratt ta' separazzjoni msemmi l-partijiet iddekadew mid-drittli jitlobu xi ħlas ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin.
6. Illi r-rikorrenti jrid li dan iż-żwieġ jiġi maħlul permezz ta' divorzju li għandu jiġi ppronunzjat minn din l-Onorabbli Qorti.

Għaldaqstant talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ ċelebrat fil-ħmistax (15) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994).
2. Tordna lir-Reġistratur tagħha sabiex entro terminu ffissat minnha jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Malta bid-deċiżjoni tagħha ai termini tas-subinċiż erbgħa (4) ta' l-artikolu sitta u sittin, ittra A(66A) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu XVI) tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimata minn issa għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-intimata li biha tiddikjara li mhux topponi t-talba.

Semgħet lill-partijiet li kkonfermaw li ilhom mifrudin għal aktar minn erba' snin u li m'hemmx tama għal rikonċiljazzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtiega għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fit-12 ta' Awwissu 2019 u ilhom mis-sena elfejn u sitta li sseparaw *de facto* Irriżulta b'mod ċar minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

Rat illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet u fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu xi ħlas ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin.

Rat illi fin-nota responsiva tagħha l-intimata mhux qed topponi t-talba.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien moghti mil-liġi, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur